Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 132/2020 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 685/2020 FL-ISMIJIET: CHRISTIAN BORG (K.I. NRU. 315493M) EŻERĊENTI L-KUMMERĊ BĦALA GOLDCAR MALTA V. ASPIRE GLOBAL INTERNATIONAL LIMITED (C42296) U DMITRI REIDERMAN (K.I. NRU. 1144178A)

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(D) – PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12 ART. 836(8)(B),(C))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' April 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Aspire Global International Limited u Dmitri Reiderman ("ir-rikorrenti") ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2020,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Christian Borg eżerċenti l-kummerċ bħala Goldcar Malta ("l-intimat") ippreżentata fl-1 ta' Diċembru 2020[1],

wara li fliet mad-daqqa t'għajn id-dokumenti kollha li ġew esebiti mal-atti msemmija,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Nicole Vassallo
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Mario de Marco,

[1] Fol 15

qed tagħti dan id-

## Digriet *in camera*

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 132/2020 maħruġ fl-ismijiet premessi a tenur tal-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12 u kif ukoll sabiex timponi penali lill-intimat ai termini tal-Art. 836(8)(b)u (c) tal-Kap. 12.

2. L-intimat min-naħa tiegħu talab li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u żżomm il-mandat kawtelatorju in kwistjoni fis-seħħ.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836 tal-Kap. 12**

3. L-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża isir fil-kawża proprja, liema kawża inċidentalment infetħet quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

4. Dan ifisser ukoll illi jkun xi jkun l-eżitu ta' din il-proċedura, bl-ebda mod m'għandu jitqies li qed jingħata xi ġudizzju dwar il-mertu tal-pretensjonijiet reċiproki tal-partijiet.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12**

5. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimat sekwestrant ried iqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' €10,720 rappreżentanti bilanc allegatament dovut għal kiri ta' vettura bis-saħħa ta' ftehim. Kopja ta' dan il-ftehim ġiet esebita a fol 65 tal-proċess.

6. Ir-rikorrenti jgħidu illi dan il-mandat kawtelatorju għandu jitħassar għaliex *"l-ammont mitlub ta' għaxar t'elef, seba' mija u għoxrin Ewro (€10,720) fil-konfront tal-esponenti m'huwiex prima fncie ġustifikat"*. B'hekk huma qegħdin jinvokaw id-dispożizzjonijiet tal -Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12.

7. Fir-rikors innifsu r-rikorrenti ma' ressqux raġunijiet in sostenn tal-kawżali invokata minnhom għalkemm huma suppost kellhom jagħmlu dan ai termini tal-Art. 836(2). Madanakollu fit-trattazzjoni tar-rikors ħareġ illi l-lanjanza prinċipali hija dik illi l-kuntratt ma' ġiex iffirmat mill-kumpanija Aspire Global International Limited iżda ma' Dmitri Reiderman biss u għalhekk jorbot biss lil dan tal-aħħar.

8. L-Art 836(1)(d) tal-Kap. 12 jipprovdi illi jista' jintalab ir-revoka, *in toto* jew *in parte*, ta' mandat kawtelatorju:

'jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv'.

9. L-intimat fir-risposta tiegħu spjega kif l-ammont li qed jiġi kkawtelat permezz tal-mandat jirrappreżenta l-bilanċ dovut għall-kiri tal-vettura LQZ 147 li sussegwentement ġiet mibdula għal vettura oħra AQZ 377. Skond hu l-partijiet kienu qablu li tinkera l-vettura LQZ 147 bir-rata ta' €660 fix-xahar għall-perjodu ta' 18-il xahar b'effett mil-21 ta' Ottubru 2019. Jgħid li n-negozjati u l-ftehim saru mar-rikorrent Reiderman u anke mal-kumpanija rikorrenti Aspire Global International Limited u li kienet din tal-aħħar li għamlet xi pagament għall-kiri tal-istess vettura kif evidenzjat minn dokument esebit mar-risposta. Spjega li sal-lum r-rikorrenti ħallsu €1,160 għall-perjodu tal-kirja bejn Ottubru u Novembru 2019 flimkien ma' depożitu ta' €500. Skond l-intimat il-ftehim ġie tterminat unilateralment mir-rikorrenti mingħajr raġuni valida u għalhekk skond l-istess ftehim il-kirja għax-xhur rimanenti tal-kuntratt ġiet dovuta u din tirriżulta *prima facie.*

10. Fis-seduta li nżammet fit-22 ta' Frar 2021 ir-rikorrent **Dmitri Reiderman** xehed illi bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu mal-kumpanija Aspire Global International Limited huwa intitolat għall-użu ta' vettura u dan kif jirriżulta mill-kuntratt li ġie esebit a fol 67. Qal ukoll illi huwa personalment iffirma l-kuntratt tal-kiri tal-vettura u li m'għandux u ma' kellux poter li jiffirma għan-nom tal-kumpanija li kien impjegat magħha bħala *Chief Investment Officer.*

11. L-intimat ippreżenta ukoll mar-risposta tiegħu serje ta' korrispondenza li għaddiet bejn rappreżentanti tiegħu u r-rikorrenti għalkemm fl-istess nifs jgħid ukoll, korrettament, illi l-eserċizzju tal-Qorti f'din il-proċedura huwa li tagħmel aċċertament *prima facie.*

12. Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna insibu il-posizzjoni, pjuttost konsistenti, illi fil-kuntest ta' mandati kawtelatorji, il-Qorti m'għandhiex u ma' tistax tidħol fil-kwistjoni jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant.

13. Fid-digriet fl-ismijiet: "**Av. Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services et.**" (1614/2001/1 GC, mogħti fis-26 ta` April 2002) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk :-

*"Skont l-artikolu 836 (d) ... tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv ... L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u*

*l-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex* ***leġittimu kontradittur*** *tas-sekwestrant".*[2]

14. Madanakollu l-Qorti tara li f'dan il-każ partikolari **mad-daqqa t'għajn** verament ma' jidhirx li l-mandat kellu jinħareġ ukoll fil-konfront tal-kumpanija Aspire Global International Limited. Minn eżami superfiċjali tal-kuntratt – liema kuntratt fil-verità huwa ferm xott u nieqes mid-dettalji – jirriżulta illi dan ġie ffirmat biss mir-rikorrent Reiderman u minn ċertu Chantelle Bugeja (li l-Qorti tassumi, għax lanqas ma' jidher indikat f'dan ir-rigward, li kienet qed tiffirma għall-intimat sekwestrant) u li l-firma li kellha ssir minn ċertu Michelle Grech Bonnett għan-nom ta' Aspire Global International Limited tħalliet barra. Il-Qorti tifhem illi din il-kwistjoni partikolari hija waħda li tifforma parti mill-mertu tal-kawża u li tinsab kontestata mhux biss f'din il-proċedura iżda ukoll fil-kawża. Għalhekk għalkemm f'dan l-istadju m'hijiex konvinta illi l-kwistjoni fil-mertu ta' jekk Aspire Global International Limited hijiex leġittimu kontradittur jew le tista' tirrisolvi ruħha f'eżami superfiċjali ta' min iffirma l-ftehim, il-Qorti tikkunsidra li **għall-finijiet tal-mandat kawtelatorju** mad-daqqa t'għajn l-intimat m'għandux pretensjoni x'jikkawtela fil-konfront tal-kumpanija. Jerġa jiġi sottolinejat però mill-Qorti illi dan ma' jfissirx b'xi mod illi l-Qorti qed tieħu posizzjoni – naħa jew oħra – illi din il-kumpanija hija jew m'hijiex leġittimu kontradittur tal-intimat sekwestrant.

15. Fil-konfront tar-rikorrent Dmitri Reiderman, għad li ma' hemmx kwistjoni dwar jekk dan huwiex leġittimu kontradittur jew le, dan xorta waħda intavola r-rikors odjern (flimkien ma' Aspire Global International Limited) għar-revoka tal-mandat kawtelatorju fil-konfront tiegħu.

16. Fid-digriet fl-ismijiet: **"Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea"** (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej:

*"L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent*

[2] Ara ukoll "**Lifts Services Limited v. Dr. Daniela Bugeja Mangion noe**" (158/2019 LM, 5 ta' April, 2019)

*eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-Qrati tal-Gustizzja pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003)."*

17. Mill-provi li ġew imressqa quddiem il-Qorti ma' tirriskontrax prova determinanti mad-daqqa t'għajn li **fil-konfront tar-rikorrent Reiderman** l-ammont mitlub mill-intimat sekwestrant huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat. *Prima facie* l-intimat għandu bażi ta' pretensjoni x'jikkawtela u din ġiet likwidata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat *de quo* limitatament fil-konfront tal-kumpanija Aspire Global International Limited.

**Penali mitluba**

18. Apparti t-talba tagħhom għat-tħassir tal-mandat, ir-rikorrenti talbu ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex iħallashom penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) taħt l-Art. 836(8)(b)u (c) tal-Kap. 12 minħabba li skond huma:

1. L-intimat naqas fit-terminu ta' ħmistax-il jum qabel ma ġie intavolat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat, milli jinterpella lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-ammont sekwestrat, u

2. Iċ-ċirkustanzi tar-rikorrenti ma' kienux tali li jagħtu lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħhom u dwar il-kapaċità finanzjarja taghhom li jħallsu t-talbiet tal-intimat.

19. Fid-digriet mogħti fl-ismijiet: "**Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**" (660/2012 JRM, 2 ta' Awwissu 2012) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej dwar l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12:

"*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

*Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.*

*Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż*"

*Art. 836(8)(b) – nuqqas tal-intimat li jinterpella lir-rikorrenti fil-perjodu ta' 15-il ġurnata qabel il-preżentata tal-mandat*

20. Fid-digriet appena ċitat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kellha s-segwenti x'tgħid dwar l-Art. 836(8)(b) tal-Kap. 12:

"*Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun ta' bilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali, u biżżejjed tkun waħda verbali. Biex ma jseħħx l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, min ikun ħareġ Mandat*

*irid juri (i) li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, jew (ii) li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma nħareġ kien talab lill-parti li kontriha nħareġ dak l-att biex tħallas jew tagħti garanzija, jew (iii) li kien hemm raġuni ta' urġenza għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li jkun. Jibqa' dejjem fl-għażla tal-Qorti jekk, minkejja li l-eżekutant jonqos li jissoddisfa l-ħtiġiet hawn fuq imsemmija, tikkundannax lill-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali xorta waħda: dan jingħad għaliex kliem l-artikolu 836(8) innifsu huwa msawwar fuq il-kelma "tista'", liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni"*

21. Fix-xhieda tiegħu, r-rikorrent Reiderman stqarr illi l-aħħar darba li kien ikkomunika ma' xi rappreżentant tal-intimat kien meta rċieva email tinfurmah illi l-intimat kien ser ifittxu l-Qorti. Mill-korrispondenza ppreżentata mar-risposta a fol 21 jirriżulta illi din l-*email* kienet mibgħuta fid-29 ta' Ottubru 2019 minn rappreżentant tal-intimat lil rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti Aspire Global International Limited u li fiha intqal hekk:

    *"Due to the breach in his signed contract, kindly note that a court case and garnishee order of 17 months minus the EURSOO deposit, which is a total of EURl0,720.00 plus legal fees will be made against Aspire Global Int Ltd and Mr.Dmitri Reiderman"*

22. Għalkemm l-*email* ma' kienetx indirizzata lilu personalment, mix-xhieda tiegħu r-rikorrent ammetta illi huwa kien rċieva din l-*email.* Ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ġie ppreżentat mir-rikorrenti fit-18 ta' Ġunju 2020 u l-mandat inħareġ fit-23 ta' Ġunju 2020. Jirriżulta pruvat għalhekk illi fi żmien ħmistax-il ġurnata qabel ma' inħareġ il-mandat, l-intimat m'għamel l-ebda talba lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-kreditu pretiż minnu. Ma' jirriżultax illi kien hemm xi urġenza partikolari sabiex il-mandat *de quo* jinħareġ mingħajr il-pre-avviż rikjest.

23. Ċio nonostante dan ma' jfissirx awtomatikament illi għandu jseħħ l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, mhux biss għaliex kif ingħad b'mod ġenerali l-Qorti għandha diskrezzjoni fuq jekk timponix penali iżda ukoll għaliex jekk joħroġ li l-att kellu jinħareġ, din tkun raġuni biżżejjed biex is-sanzjoni tal-penali ma tingħatax. Diġa intqal iżjed 'l fuq mill-Qorti illi fil-konfront tar-rikorrenti Reiderman *prima facie* jirriżulta li l-intimat għandu bażi ta' pretensjoni x'jikkawtela u din ġiet likwidata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat. Ma' jidhirx lanqas illi din il-pretensjoni hija kawtelata b'xi mod ieħor u l-intimat wera, anke mir-risposta tiegħu f'din il-proċedura u tramite l-avukat tiegħu waqt it-trattazzjoni finali, illi tal-inqas fil-konfront tar-rikorrenti Reiderman l-att kawtelatorju *de quo* kellu jinħareġ. Fir-rigward tal-kumpanija rikorrenti l-Qorti kif ġa qalet iktar 'l fuq ma' tħossx illi *prima facie* dan il-mandat huwa ġustifikat. Fiċ-

ċirkustanzi però l-Qorti ma' tarax illi tkun ġustizzja li tapplika s-sanzjoni tal-penali taħt din il-kawżali.

*Art. 836(8)(d) – l-ebda dubju raġonevoli fuq il-likwidita' tar-rikorrenti*

24. Fir-rigward ta' din il-kawżali il-liġi tirrikjedi mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew.

25. Ir-rikorrent Reiderman xehed illi d-dħul tiegħu annwali huwa dak ta' €170,000 u li fil-kont tal-bank dakinhar li xehed kellu €130,000. Ġew esebiti ukoll *Year End Report* tas-sena 2020 tal-kumpanija Aspire Global International Limited u estratt mill-*Consolidated Statements of Financial Position*. Dawn id-dokumenti però huma fil-forma ta' rapport maħruġ mill-kumpanija stess lis-*shareholders* tagħha u m'għandhomx is-solennità' u l-kredibilta' li altrimenti kienu joffru l-*Audited Accounts* sottomessi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Fi kwalunkwe każ ma' tressqet l-ebda prova illi l-likwidita u l-ħila finanzjarja allegatament tajba tar-rikorrenti kienu ġew mgħarrfa lill-intimat jew inkella kienu magħrufa sew.

26. Għalhekk ir-rikorrenti ma seħħilhomx juru lill-Qorti li hemm raġuni tajba biex l-intimat jiġi kkundannat għall-ħlas tal-penali mitluba abbażi ta' din il-kawżali.

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tirrevoka l-mandat kawtelatorju bin-numru 685/2020 fl-ismijiet premessi limitatament sa' fejn inħareġ kontra l-kumpanija Aspire Global International Limited filwaqt li tiċħad il-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma riservati sabiex jiġu determinati skond is-sentenza fil-mertu.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur